# ARB/C144/2025 – SEIZING AND FREEZING ORDER

**IT IS BEING NOTIFIED** that by a decree dated 14th December, 2025 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr. Nadia H. Vella LL.D.), with Compilation Number 1083/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

**JOHN JUNIOR PACE**, 30 years, son of Duncan Pace and Marie-Louise Pace nee' Borg, born in Pieta, on the 14th December, 1995, residing at '61, Mayflower, Flat 1, Triq Belvedere, Gzira' and holder of a Maltese Identity Card bearing number 530195M.

**The Court ORDERED** the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to **JOHN JUNIOR PACE** and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta and Article 5 of the Money Laundering Act, Chapter 373 of the Laws of Malta.

**The Court AUTHORISED** the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicate with a note from where they are perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (*multa*) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six Euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 12th January, 2026

**Ms Eunice Grech Fiorini**
Director, Asset Recovery Bureau

# ARB/C144/2025 – ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR

**IKUN JAF KULĦADD** illi b'digriet mogħti Fl-14 ta' Diċembru, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja – (Maġistrat Dr. Nadia H. Vella LL.D.), Kumpilazzjoni Numru 1083/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

**JOHN JUNIOR PACE,** ta' 30 sena, iben Duncan Pace u Marie-Louise Pace xebba Borg, imwieled ġewwa l-Pietà, fl-14 ta' Diċembru, 1995, residenti ġewwa 61, Mayflower, Flat 1, Triq Belvedere, Gżira u detentur ta' Karta tal-Identita Maltija bin-numru 530195M.

**Il-Qorti ORDNAT** is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' **JOHN JUNIOR PACE** u pprojbiethu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal- Liġijiet ta' Malta u Artikolu 5 tal-Att dwar il-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti AWTORIZZAT** lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn ħa jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' propjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 12 ta' Jannar, 2026

**Is-Sinjura Eunice Grech Fiorini**
Direttur, Ufficju għal-Irkupru tal-Assi